Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0233

Deċiżjoni li titlob lill-APPF tivverifika jekk l-ESN jikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta’ Lulju 2026 li titlob lill-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej tivverifika jekk il-Partit Ewropa tan-Nazzjonijiet Sovrani jikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punti (d) u (e), tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 (2026/2792(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-talba mressqa minn 247 Membru biex jiġi vverifikat jekk il-Partit Ewropa tan-Nazzjonijiet Sovrani jikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punti (d) u (e), tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Novembru 2025 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej[1],

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej tat-22 ta’ Mejju 2026 skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 rigward fatti li jqajmu dubju dwar il-konformità tal-Partit Ewropa tan-Nazzjonijiet Sovrani mal-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni relatati mal-valuri li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 241(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

1. Jiddeċiedi li jitlob lill-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej tivverifika jekk il-Partit Ewropa tan-Nazzjonijiet Sovrani jikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punti (d) u (e), tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni

[1] ĠU L, 2025/2445, 8.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2445/oj.

lill-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej u, għal skopijiet ta’ informazzjoni, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.